TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Francis Azzopardi

vs

World Marketing Services Ltd.

CCT 116/22/MS

2 ta' Awwissu 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fit-23 ta' Awwissu 2022 fejn talab lil dan it-Tribunal jikundanna l-isocjeta' intimata thallsu s-somma ta' elf euro (€1,000.00) u dan wara li tekniku mis-socjeta' intimata gie biex ibiddel il-membrana tar-reverse osmosis u biddel ukolll il-valve tat-tank, li kkawza tinixxija ta' ilma li b'rizultat ta' dan ir-rikorrent sofra hsarat fl-injam tal-bank tal-kcina.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata fejn cahdet kull responsabilita' ghall-hsara in kwantu t-tekniku li esegwixxa t-tibdil tal-filter halla l-apparat f'kundizzjoni perfetta, izda meta mar jinvestiga l-hsara, sab ksur, liema ksur bilfors illi sehh rizultat ta' incident sussegwenti ghall-bdil tal-filter; Illi f'kull kaz, l-ammont miltub huwa palezament eccessiv tenut kont li si tratta ta' xkaffa tal-chipboard.

Ra l-atti kollha tal-kawza

Sema' x-xiehda bil-gurament

Ikkunsidra

Ili rrizulta mill-provi li tletin sena ilu r-rikorrent Francis Azzopaardi xtara u nstalla reverse osmosis mis-socjeta' intimata, li kull sentejn minn dakinhar, trid tinbidel parti taghha - il-membrana. Qal li impjegati mis-socjeta' intimata gew ghandu xi hmistax il-darba fuq perjodu ta' tletin sena. Qal ukoll illi kull sitt xhur jinbidel il-filter u fl-14 ta' Jannar kienu gew jibdlu l-membrana tal-RSA. Impjegat gie jwahhalha u biddel il-valve u beda jaghti l-arja lit-tank - haga li fi tletin sena qatt ma ghamluha. Wara tlett ijiem, ir-rikorrent qal illi l-mara tieghu sabet kullimkien ilma u nfetah il-bank tal-kcina. Cempel l-isocjeta' intimata biex jigu jaraw l-

affarijiet, u mill-ewwel biddel il-valve il-gdid minghajr kliem ta' xejn. Ir-rikorrent ighid illi ghandu hsara fl-ixkaffa u pprezenta kwotazzjoni tal-mastrudaxxa ta' kemm ha jigih biex jaghmel wiehed gdid. Qal ukoll illi minkejja li kien icempel kull xahar, qatt ma ha risposta, pero' darba minnhom kellu meeting ma' Apap u Buhagiar, u t-tnejn qalulu li kienu ser ikellmu l-*insurance*. Wara din il-laqgha, qatt ma ha risposta.

Xehdet ukoll il-mara tar-rikorrent li kkonfermat illi r-reverse osmosis kien ilu ghandhom xi tletin sena u kien imiss li jibdlu l-membrana. Dak in-nhar l-impjegat li gie fuq il-post staqsiehom jekk il-valve gieli biddluha u hi rrispondiet fin-negattiv. Qalilha li dak suppost jinbidel wara certu zmien u qabad u biddel il-valve u telaq. Tlett ijiem wara, rat ilma kannella taht il-bank u sabu li l-valve kien qed jillikja. L-injam xorob l-ilma u ghalhekk gabu stima ghall-bank gdid. Qalet li l-bank kienet ilu ghandhom hames snin u ghandha xkaffa li ddur mar-reverse osmosis fejn izzomm il-borom u li ghal dawn l-ahhar tletin sena dejjem kienet l-istess.

Illi xehdu wkoll Vince Apap, Trevor Buhagiar u Nancy Buhagiar min-naha tas-socjeta' intimata.

Vince Apap - Customer Care officer fi hdan is-socjeta' intimata qal li iltaqa' mar-rikorrent fl-ufficju tieghu meta kien ghamel ilment fuq il-kaz. Ir-rikorrent kien qallu li fl-10 ta' Jannar kien sar is-servizz generali tal-manutenzioni li jsir kull sentejn fejn inbiddlu l-washers u xi erbat ijiem wara, rega' cempel ir-rikorrent ghax kellu xi leak. Huma baghtu tekniku *on site,* li biddel il-valvue minghajr ma zammlu flus. Spjega li dan il-valve jikontrolla l-pressa tal-ilma mit-tank ghall-vit. Qal li kieku dan kien difettuz, kien johrog ammont kbir ta' ilma ghax il-magna tipproduci bejn tmenin u disghin gallun ilma kuljum u jkun hemm kwantita' kbir ta' ilma. Qal ukoll illi kien hemm bicca nieqsa fil-valve l-antik li nbidel.

Nancy Buhagiar ikkonfermat illi minn zmien ghal zmien (kull sitt xhur) imorru ghand ir-rikorrent biex ibiddlu l-filter u kull sena jew sentejn jaghmlu wkoll '*general service at a cost'*. O-ring ikun mal-filter u m'ghandux jaqsam mat-tank - huma zewg affarijiet separati u qeghdin f'zewg postijiet differenti - it-tank naha u l-filter naha ohra u hemm bicca injama fin-nofs. Qalet ukoll illi t-tekniku li jigi jaghti pressa lit-tank, qisu qed jonfoh tyre ta' karrozza ghax it-tank jahdem bil-pressa. Ghalkemm ma kenitx prezenti, qalet li mill-job sheet hemm indikat li l-ewwel darba li gie fl-10 ta' Jannar, it-tekniku biddel l-O-ring u l-valve ma nbidilx. Qalet ukoll li wara l-incident kienet talbet ir-rikorrent biex iggib il-quotations, ir-ritratti u d-dokumenti kollha ghal finijiet ta' assikurazzjoni. Pero' sabu li l-valve kien miksur u qed jillikja u qalet li l-leak ma gratx minhabba li nbidel il-valve ghaliex il-valve inbidel wara li cempel ir-rikorrent, u mhux qabel. Il-valve inbidel fl-14 ta' Jannar u mhux fl-10 ta' Jannar.

Dr. Trevor Buhagiar qal li minn analizi tar-ritratti u filmati, jidher illi l-leak seta' kien gej mis-serpentina li ghandu wire mdawwar miehgu, li mhuwiex parti mill-apparat taghhom. Qal ukoll illi l-ilma li johrog mir-reverse osmosis u ma jkunx kannella izda jkun car.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din l-istanza, r-rikorrent qed jitlob is-somma ta' elf euro (€1,000), u dan wara li t-teknkiu biddel il-valve u ta pressa lit-tank, li kkawza leak fis-sistema. Min-naha taghhom, rapprezentanti tas-socjeta' intimata qeghdin ighidu illi l-*valve* ma nbidilx dakinhar li t-tekniku gie fuq il-post, izda inbidel it-tieni darba, u cjoe' wara li r-rikorrent ghamel l-ilment tieghu.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu zewg versjonijiet li huma kemmxejn konfliggenti. Skond ma xehdu r-rikorrent u l-mara tieghu, it-tekniku gie darba u biddel il-valve u wara tlett ijiem intebhu li kien hemm hafna ilma li kien qed jillikja. Pero', dan mhuwiex korroborat mill-job sheets esebiti, u bhala fatt, l-ewwel darba li gie it-tekniku fuq il-post kien fl-10 ta' Jannar 2022 u dak in-nhar ghamel *general service tal-mebrane kit*. Jidher ukoll illi dakinhar inbidel l-O-ring ghaliex kien miksur. Erba tijiem wara, fl-14 ta' Jannar 2022, rega' gie tekniku peress illi kien hemm leak, u sabu li l-valve kien miksur u ghalhekk biddluh.

Illi skond ma xehdet Nancy Buhagiar, l-O-ring u l-valve huma zewg affarijiet distinti minn xulxin. L-O-ring ikun mal-filter (Dok FA3) u l-valve ikun mat-tank (FA2) u qeghdin f'postijiet separati minn bicca injam. Illi t-Tribunal mhuwiex tekniku, pero' hala fatt, l-ewwel darba li gie t-tekniku biddel l-O-ring u l-valve ma ntmissx. Jekk, kif qed jikkontendu r-rikorrenti, l-leak gara minhabba li l-valve kien miksur, ta' dan m'ghandux jahti t-tekniku li skond il-job sheet m'ghamel l-ebda intervent fuq il-valve l-ewwel darba li gie fl-10 ta' Jannar. Fil-fatt, il-valve inbidel fl-14 ta' Jannar peress illi kien miksur u ghalhekk il-jobs sheet imeru l-versjoni tar-rikorrent u l-mara tieghu u jikkorroboraw il-versjoni tas-socjeta' intimata, li hija iktar probabbli fic-cirkostanzi.

It-Tribunal kellu l-opportunita li jara l-valve l-antik li kien miksur, u tenut kont tal-fatt illi ghal tletin sena shah, qatt ma kellhom l-ebda problemi bis-servizz moghti mis-socjeta' intimata jkompli jinduci lit-Tribunal biex jemmen il-versjoni tas-socjeta' intimata. Jekk il-valve kien miksur, dan zgur ma kienx it-tort tat-tekniku li gie fuq il-post l-ewwel darba, izda rizultat tax-xedd u l-kedd (wear and tear) li jigi biz-zmien, u l-fatt illi l-valve x'aktarx kien wasal biex jispicca.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjes kontra tieghu.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru